ANTHONY BONANNO

# L-Arkeoloġija u l-Identità Nazzjonali

Kull meta niġi mistieden nitkellem fuq xi suġġett dejjem inħossni fid-dmir li nirrifletti sewwa fuq dak is-suġġett u qabel naqbad nikteb, nanalizzah fil-komponenti kollha tiegħu biex nevita li naqa' fin-nuqqas li minħabba fih nikkritika, u kultant nippenalizza, lill-istudenti tiegħi meta fir-risposti tagħhom imorru, min ftit, min bosta, barra mis-suġġett. Dan id-difett, jisgħobbija ngħid, insibu komunu mhux ħażin f'konferenzi u laqgħat, anki internazzjonali, fejn niltaqa' ma' xi wħud, kultant studjużi kbar, li jagħtu kontribut li mat-tema tal-laqgħa ftit jew xejn ikollu x'jaqsam.

*Lejn definizzjoni*

Għalhekk l-ewwel ma rrid nagħmel hawn huwa li nagħti definizzjoni, fqira kemm trid iżda fi kliem li jifhmu kulħadd, taż-żewġ komponenti tat-titlu ta' din it-taħdita li ġejt mistieden nagħti. X'nifhmu b'arkeoloġija u x'nifhmu b'identità nazzjonali?

L-iktar definizzjoni sintetika u fl-istess ħin globali u kompensiva ta' l-arkeoloġija li tiġini f'moħħi hija din:

L-arkeoloġija hija dik id-dixxiplina li tagħmel sehem mix-xjenzi umani u li l-għan tagħha huwa r-rikostruzzjoni tal-ġrajja tal-bniedem u ta' l-interazzjonijiet tiegħu ma' l-ambjent ta' madwaru, permezz tal-fdalijiet materjali li ħalla warajh.

Xi drabi dawn il-fdalijiet baqgħu mikxufa fuq wiċċ l-art u ppreservaw ruħhom mill-forzi qerrieda ta' l-elementi naturali, u minn dawk tal-bniedem innifsu, għal eluf ta' snin, bla ma nqerdu u bla ma ndifnu. Eżempju ta' dawn insemmi l-*Pantheon* ta' Ruma, tempju mibni lil Awgustu mill-ġeneral tiegħu Agrippa, iżda mibni mill-ġdid fi żmien l-Imperatur Adrianu fit-tieni seklu w.K. u li baqa'

sa llum kważi intatt għaliex, wara li Ruma ħaddnet it-twemmin nisrani, dan il-bini nbidel f'maqdes nisrani. Eżempju ieħor, din id-darba minn artna, huma wħud mit-tempji preistoriċi tagħna li għal raġunijiet ambjentali qatt ma ntradmu taħt it-trab, iżda baqgħu jidhru fil-wiċċ u jafu l-preservazzjoni tagħhom lid-daqs ġganti tal-ġebel tagħhom. It-taħfir li sar f'dawn, meta sar kif kellu jsir, kellu l-għan li jitfa' d-dawl fuq il-kuntest u l-kontenut tagħhom: meta nbnew; minn min; x'relazzjonijiet kellhom mal-kulturi ġirien tagħhom; x'kien isir fihom; liema alla, jew allat, kienu jitqiemu fihom u b'liema ritwali.

Iżda bosta drabi dak li baqa' jidher fil-wiċċ huwa tant ftit li jikxef ftit wisq mill-ġrajja tal-bniedem, u jservi biss biex jixgħel il-kurżità tagħna biex insiru nafu iktar fuq missirijietna. Minħabba f'hekk, barra milli tistudja u tifli bir-reqqa dawk il-fdalijiet li baqgħu jidhru, l-arkeoloġija tfittex fdalijiet oħra li biż-żmien sabu ruħhom mirduma taħt it-trab, ramel, ħamrija u ġieli wkoll, taħt l-irmied u l-lava li nbeżqu minn xi munġbell fil-qrib. Hawn ta' min igħid li wieħed mill-ewwel taħfir arkeoloġiku li qatt sar, seħħ fis-seklu sbatax fuq l-ibliet ta' Pompej u Erkulanu li ndifnu b'dan il-mod mill-eruzzjoni tal-Vesuvju tad-79 w.K. F'Malta, il-fdalijiet tal-qedem ma ndarmux b'dan il-mod, lanqas bir-ramel — bħal bosta bliet Rumani fl-Afrika ta' fuq — iżda ħtija ta' ħidmet il-bniedem li matul iż-żminijiet jew reġa' bena fuq it-tiġrif li sab jew għattieh bil-ħamrija biex jagħmel minnu egħlieqi għammiela. Eżempji ta' dan biżżejjed wieħed isemmi l-fdalijiet tat-tempji ta' Ħal-Tarxien u dawk ta' Tas-Silġ li qabel ma tħaffru kienu mgħottija b'raba' maħdum.

Iżda l-arkeoloġija ma tiqafx hawn. Bit-taħfir kulma tkun għamlet huwa li żiedet mal-wirt kulturali mikxuf — għax dak li għadu midfun huwa u jibqa' parti mill-wirt kulturali ta' artna, mistur iżda mħares, sakemm ma jinqeridx minnha stess f'isem il-progress materjali. Mela huwa d-dmir ta' l-arkeologu li jaħseb biex l-ewwel nett dawk il-fdalijiet li jkun kixef, u li qabel kienu mħarsa mill-istess satra ta' l-art, jiġu kkonservati kemm jista' jkun fl-istat oriġinali tagħhom biex jitgawdew mhux biss mill-ġenerazzjoni kontemporanja iżda wkoll minn oħrajn ġejjiena. It-tieni ħaġa li jrid jagħmel l-arkeologu hija li jistudja sewwa dak kollu li jkun sab u ddokumenta bir-reqqa, jikklassifikah u jelaborah fi

storja: fl-ewwel stadju, storja ta' dak il-monument partikolari li jkun ġie investigat, sew jekk kien qabar, għarix, razzett, maqdes, sew jekk kien ġifen mgħarraq; fit-tieni stadju, billi jgħaqqad it-tagħrif miġbur minn dak it-taħfir ma' dak li diġà huwa magħruf minn egħjun oħra biex minnu joħroġ il-ġrajja kemm jista' jkun kompleta, organika u totali ta' missirijietna.

Għal din ir-raġuni, ma għandna nħallu ebda biċċa art, jew baħar, li għandha potenzjal arkeoloġiku, jiġifieri li tista' titfa' dawl fuq ġrajjet missirijietna, li titħarbat mill-mezzi mekkaniċi u qerrieda li għandu l-bniedem illum, qabel ma tiġi investigata kif imiss mill-esperti kompetenti. Għall-istess raġuni l-arkeologu għandu jara li mit-taħfir jiġbor kull ħjiel li jista' b'xi mod jitfa' iżjed dawl fuq din l-istess ġrajja.

Minn dan naraw ukoll li l-mira ewlenija ta' l-arkeoloġija ma hix l-oġġett misjub fih innifsu, ikun kemm ikun prezzjuż, ikun kemm ikun ta' valur artistiku. Il-mira ewlenija hija l-bniedem, il-bniedem ta' l-imgħoddi, bil-ħtiġiet tiegħu, bil-ħsibijiet, preokkupazzjonijiet u sentimenti tiegħu; biex b'hekk nifhmu aħjar lilna nfusna u nagħrfu aħjar fejn sejrin.

Baqgħalna naraw issa x'nifhmu b'identità nazzjonali. B'din jiena nifhem dak kollu li jagħmilna poplu, il-poplu Malti, u jiddistingwina minn popli oħra. Naħseb li kulħadd jaqbel miegħi li l-iktar ħaġa importanti li taqtagħna minn ħaddieħor hija l-ispazju ġeografiku li nokkupaw, l-art, it-territorju li nzerta maqtugħ għalih minn natura, minn baħar li fl-imgħoddi iktar milli fil-preżent, u fil-preżent iktar milli fil-ġejjieni, kien, għadu u jibqa' fattur fiżiku li jaqtagħna mill-kumplament tad-dinja. L-istess baħar huwa parti mill-identità tagħna, li nħossu n-nuqqas tiegħu meta nkunu 'l bogħod minnu; u għal *dak* il-baħar nixxennqu, bil-lewn kaħlani tiegħu, bl-imluħa tiegħu, bil-limpidezza tiegħu, u għal ebda baħar ieħor. Ħaġa waħda ma' l-identità tagħna hija l-arja x'aktarx tqila w imxarrba u mielħa li biha nimlew imnifsejna u li r-riħ kotran isaffi ta' sikwit. L-identità tagħna hija msejsa wkoll fuq il-bqija ta' l-ambjent li jdawwarna: il-kampanja, jew in-nuqqas tagħha, il-ġebla li taħkem kullimkien fil-pajsaġġ, f'dak mibni mod, f'dak kampanjol mod ieħor; il-ħsejjes, l-għajjat, l-għana, it-talb, id-dagħa, u fuq kollox in-nies bil-virtujiet u bid-difetti tagħhom.

M'għandix dubbju li l-klima tagħti sehem kbir biex tagħmilna dak li aħna. Il-bidla qawwija ta' kuljum mis-sħana tal-jum għar-reżħa tal-lejl, u dik ta' l-istaġuni, kif ukoll it-taqlib iet spissi ġo kull staġun (ħlief dak tas-sajf), dawn it-tibdiliet li huma tant deleterji għall-elementi organiċi, jagħmlu mill-poplu malti poplu sod, li jiflaħ għat-taqlib, kemm fiżiku kif ukoll morali, poplu bieżel u ħabrieki. Ix-xemx li tħeddel fis-sajf tagħti r-ruħ kull meta tfiġġ minn wara s-sħab fix-xhur kesħin.

Iżda f'dan kollu kif tidħol l-arkeoloġija? Tidħol għaliex barra milli tagħmel parti, u parti evidenti, mill-pajsaġġ Malti, hija wkoll tagħmel sehem kbir mill-wirt kulturali tagħna. Għaliex, kif bil-wirt materjali li nirtu minn ta' qabilna nistgħu nistagħnew u mingħajru nibqgħu biss b'dak li nakkwistaw bil-ħila tagħna, hekk ukoll il-wirt kulturali li jgħaddi u jkompli jinġema' minn ġenerazzjoni għall-oħra huwa għajn ta' għana, ta' teżori li huma l-għira u x-xenqa ta' popli oħra li l-istorja jew in-natura ċaħħdithom minnu, jew ħallitilhom wirt ta' għamla oħra.

*Wirt Kulturali u Artistiku*

L-arkeoloġija ħallitilha bħala wirt prezzjuż tempji preistoriċi ta' Żmien il-Haġar Aħħari li kif igħidulna l-esperti, barranin daqskemm Maltin, huma l-eqdem bini fid-dinja mibni mill-ħaġar bla xejn x'iżommu wieqaf ħlief il-ħaġar innifsu. Fejn qabel kien maħsub li dawn it-tempji nbnew bħala riżultat ta' stimoli kulturali miċ-ċiviltajiet ta' Żmien il-Bronż tal-Mediterran tal-Lvant, illum nafu li t-tempji tagħna nbnew qabel l-iżvilupp taċ-ċiviltajiet ta' Kreta Minojka u tal-Greċja Miċenea. Uħud minnhom, dawk tal-Ġgantija per eżempju, inbnew qabel l-ewwel piramidi ta' l-Eġittu. L-arkitettura tat-tempji megalitiċi Maltin illum hija apprezzata u ammirata mill-aqwa arkitetti u studjużi f'dan il-qasam li ġew f'kuntatt magħha, mhux biss għall-qedem tagħhom iżda wkoll għall-qlubija u l-oriġinalità tal-kunċett tagħhom u l-għerf u l-ħila teknika li bihom ittellgħu. It-tempji l-kbar li juru ċertu ordni u ċerta simmetrija fil-pjanta tagħhom, bħalma huma dawk tal-Ġgantija u ta' Hal-Tarxien, aktarx li ġew ipproġettati skond pjanta premeditata u ma kinux, kif forsi konna naħsbu qabel, improvviżati, ġebla miżjuda ma' oħra sakemm ingħalaq spazju. Għalhekk illum nitkellmu b'wiċċna minn quddiem fuq 'l-arkitetti

tat-tempji megalitiċi' għaliex proġetti monumentali bħal dawn ma setgħux ittellgħu mingħajr il-ħsieb, l-idea oriġinali, il-kalkoli fil-qtugħ tal-ġebla u l-koordinazzjoni ta' l-isforzi umani fit-tqegħid ta' ġebla ma' oħra, ta' ġebla fuq oħra biex jinħoloq l-effett mixtieq. Jidher wkoll li mudelli żgħar li frammenti tagħhom instabu ġo wħud mit-tempji setgħu servew ta' pjanta li fuqha tmexxiet ir-realizzazzjoni tal-bini.

Kienet l-arkeoloġija li kabbret il-patrimonju artistiku tal-poplu malti bis-sejba u l-preservazzjoni ta' mijiet ta' opri artistiċi misjuba ġewwa jew qrib dawn it-tempji preistoriċi. Biżżejjed insemmu l-istatwi u l-istatwetti ta' figura umana, x'aktarx femminili jew inkella androġina, ta' ħxuna mhux normali, misjuba f'Haġar Qim, f'Hal Tarxien u fl-Ipoġew. Ma' dawn nistgħu nżidu l-iskultura minquxa a bassoriljev li tirrappreżenta kemm annimali naturalistiċi kif ukoll temi astratti — l-iktar komuni huma bosta varjazzjonijiet fuq il-motif ta' l-ispiral. Inżidu wkoll l-arti tal-fuħħar li l-bennejja tat-tempji jidher li laħqu l-quċċata tagħha fl-għamliet u fit-tiżjin, ħafna minn qabel ma ddaħħlet ir-rota għall-ħdim tal-fuħħar.

Ta' Żmien il-Bronż Malta għad baqgħalha l-eqdem fdalijiet ta' swar fi gżiritna, dawk li huma mibnijin b'dik it-teknika tal-bini msejħa Ċiklopika, minħabba l-użu ta' ġebel kbir ta' għamla irregolari, li kienu jdawru raħal żgħir ta' egħrejjex f'Borġ in-Nadur, qrib Birżebbuġa. X'aktarx li rħula oħra bħal dan ta' Żmien il-Bronż, li fdalijiet tagħhom huma mxerrda fuq għoljiet ċatti kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, kellhom swar ukoll, iżda ftit li xejn ħelsu mit-tiġrif u l-qerda taż-żmien. Monumenti oħra ta' l-istess żmien huma d-dolmen, kull waħda magħmula minn ġebla kbira mimduda mserrħa minn tliet naħiet fuq ġebliet iżgħar u weqfin, magħrufa minn missirijietna bħala 'dura' jew 'imsaqqfa'.

Minn dawn il-monumenti ta' Żmien il-Bronż, l-iktar mit-tempji ta' Hal Tarxien li wara li ġgarrfu ntużaw minn nies li ġew wara l-bennejja tat-tempji, l-arkeoloġija ħarġet numru ta' oġġetti oħra li jkomplu jkabbru l-wirt kulturali u artistiku Malti. Fost dawn insibu l-ewwel oġġetti tal-metal li qatt instabu f'Malta, u figurini tal-fuħħar imsawra u mżejna fi stil skematiku u astratt. Billi dawn il-figurini nstabu midfunin flimkien mal-fdalijiet maħruqa tal-mejtin nistgħu nobsru li kellhom xi tifsira konnessa mal-mewt, bħal ngħidu aħna qaddejja biex jaqdu l-ħtiġiet tal-mejjet fil-ħajja l-oħra.

Iżda m'hemm xejn lanqas li jżommna li nqisuhom bħala oġġetti għeżież għall-istess mejtin li ndifnu magħhom, ngħidu aħna ġugarelli tat-tfal.

Ma' dawn il-ġawhar tal-wirt artistiku u arkitettoniku tal-preistorja Maltija ma nistax ma nżidx il-figurini stilizzati li ħallewlna fl-egħrejjex ta' Skorba l-ewwel bnedmin li qasmu l-baħar biex jibdew igħammru f'din il-gżira. Għalkemm xi studjużi huma xettiċi fuq it-tifsira tagħhom, ħafna huma dawk li jemmnu li dawn jirrappreżentaw l-ewwel xbihat fi gżiritna ta' alla mara, l-Omm li hija għajn ta' kull ħajja, l-Art li minnha joħroġ kull frott li bih jitrejqu l-bhejjem u l-bnedmin. Ma nistax inħalli barra lanqas ir-ras antropomorfa misjuba f'qabar f'Ħaż-Żebbuġ u li bħalha nstabet oħra waqt tiftix arkeoloġiku f'qabar fix-Xagħra, Għawdex, is-sajf li għadda. Id-daqs tar-ras, il-materjal li minnu hija minquxa, u l-kuntest funerarju tagħha ma jħallux dubju fuq it-tifsira reliġjuża tagħha b'konnessjoni intima mal-ħsieb tal-mewt.

Ta' l-ewwel poplu storiku li ħakem fuq Malta l-arkeoloġija wkoll ħallitilna ġawhriet artistiċi u arkitettoniċi. Minn żmien il-Feniċi u s-suċċessuri tagħhom, il-Puniċi, għandna parti ta' bini kważi intatta, it-'torri' taż-Żurrieq, kif ukoll bosta frammenti arkitettoniċi li nstabu waqt skavi li għamlu t-Taljani fis-snin sittin fis-santwarju ta' Tas-Silġ. Minn dan is-santwarju u minn lokalitajiet oħra, speċjalment minn oqbra ta' dawn iż-żminijiet, jafu l-oriġni tagħhom diversi oġġetti ta' l-hekk imsejħa 'arti minuri'; ġojellerija tad-deheb u tal-fidda, skultura fl-avorju ittieħdu Venezja s-sena li għaddiet biex jirrappreżentaw lill-wirt Malti f'dan il-qasam f'wirja kolossali fuq il-Feniċi li nżammet hemmhekk f'Palazzo Grassi. Il-Feniċi, u l-Puniċi warajhom, kienu bħalma nafu lkoll, kummerċjanti u baħħara ta' ħila liema bħalha, u ħaġa ta' valur artistiku jew artiġjanali kienu jafu japprezzawha u ma jitmeżmżux milli jakkwistawha u jinnegozjawha, anki jekk din kienet magħmula mill-egħdewwa u kompetituri tagħhom, il-Griegi. Hija għal din ir-raġuni li f'Malta nstabu ta' spiss prodotti artistiċi u artiġjanali Griegi li fil-passat ġew bi żball interpretati bħala xhieda ta' ħakma Griega f'Malta.

M'aħniex neqsin lanqas minn biċċiet ta' l-arti Rumana miġjuba jew maħduma f'Malta f'dak iż-żmien meta din il-gżira kienet maħkuma minn dawn l-imperjalisti kbar. Insemmi biss il-grupp ta'

skulturi fl-irħam, fosthom żewġ ritratti mill-ifjen u mill-iprem ta' persunaġġi mill-familja imperjali ġjuljo-klawdja, u numru ta' mużajċi b'disinji ġeometriċi jew bi kwadri figurattivi, ilkoll misjuba lejn l-aħħar tas-seklu l-ieħor fl-iskavi tad-dar sinjorili fir-Rabat barra s-swar ta' l-Imdina. Ma' dawn ma nistgħux ma nsemmux l-ewwel muniti li qatt ġew stampati f'dawn il-gżejjer u li jġorru wkoll isimhom bil-Puniku, bil-Grieg u bil-Latin.

L-ewwel insara f'Malta ma naqsux li jħallu xiehda tagħhom f'oqbra taħt l-art. Fost dawn insibu pitturi fuq il-ħajt, jew affreski, u numru kbir ta' msiebaħ. Iżda l-arti Kristjana terġa' taqbad b'ritmu iktar mgħaġġel mas-seklu erbatax, mal-proċess ta' latinizzazzjoni tal-kultura maltija wara l-ħakma Għarbija. Iżda din l-arti taqa' taħt l-Arkeoloġija Medjevali li sfortunatament f'Malta għadha ma hix rikonoxxuta bħala qasam ta' l-arkeoloġija għalih innifsu u li għadha ma tingħatalhiex l-importanza li jistħoqqilha.

Il-parentesi bejn dawn iż-żewġ perjodi ta' l-aħħar, jiġifieri żmien l-Għarab, ma ħallitilna l-ebda fdalijiet ta' xi bini arkitettoniku, u fdalijiet oħra huma ftit ħafna. Dan jista' jkun dovut għal diversi raġunijiet, fosthom li fl-imgħoddi t-tiftix arkeoloġiku f'Malta ma impenjax ruħu biżżejjed biex jitfa' dawl fuq dan iż-żmien mudlam ta' l-istorja tagħna.

L-iktar sejba importanti ta' żmien l-Għarab hija ċ-ċimiterju jew grupp ta' oqbra musulmani li nstabu fuq il-fdalijiet ta' l-hekk imsejħa 'Villa Rumana' fir-Rabat. Ma' dawn l-oqbra nstabu lapidi tal-ġebel minquxin b'kitba ornamentali ħafna ta' siltiet mill-Qoran. Fuq xi wħud id-data tal-mewt kienet minquxa wkoll u din tikkorrispondi bejn wieħed u ieħor ma' dik tal-ġebla ta' Majmuna, misjuba f'Għawdex, jiġifieri lejn tmiem is-seklu tnax, madwar seklu wara li ġie f'Malta l-Konti Ruġġier.

L-arkeoloġi Taljani li ħaffru f'Tas-Silġ igħidulna li ltaqgħu ma' saff ta' ħruq li jikkorrispondi fiż-żmien mal-miġja ta' l-Għarab f'Malta u li jixhed li l-bażilika mibnija hemmhekk madwar il-ħames seklu w.K. inqerdet mal-miġja tagħhom. Dawn l-istudjużi jgħidulna wkoll li x'aktarx inbniet moskea fuq it-tiġrif ta' qabel, iżda l-fdalijiet miġjuba bħala xiehda ta' dan huma fjakki wisq biex wieħed jista' jeħodhom bis-serjetà.

*Identità*

Fuq il-karta ta' l-identità tiegħu kull wieħed minna għandu mniżżlin dawk li ngħidulhom 'il-partikularitajiet' tiegħu, dawk id-dettalji li jagħrfuh minn ħaddieħor: l-isem, il-kunjom (jew isem tal-familja), l-età (id-data tat-twelid), l-indirizz, isem il-ġenituri u dettalji oħra. L-identità tagħna bħala nazzjon għandha wkoll dettalji anagrafiċi bħal dawn: isimna bħala poplu, 'Maltin', huwa ħaġa waħda ma' dak ta' pajjiżna 'Malta' — hawn niftakar kif tmien mitt sena ilu Maltin fil-qorti tar-Re Ruggier ta' Sqallija kienu jintgħarfu bħala tali għax bħala parti minn isimhom kienu jġibu l-laqam 'il-Maliti', bħal ngħidu aħna, Abu al-Qasim ibn Ramadan al-Maliti u Abdallah ibn al-Samati al-Maliti. L-istess ħaġa nsibu iktar minn elfejn sena ilu fl-ismijiet ta' żewġt irġiel Maltin, A. Licinius Aristoteles Melitensis u Diodorus Melitensis. Isem artna huwa Malta, u hija ħaġa naturali li nixtiequ nsiru nafu l-oriġni ta' dan l-isem. Artna għandha wkoll data tat-twelid u xieraq li nkunu nafu meta twelidna, kemm bħala l-ewwel abitanti ta' din l-art, kif ukoll bħala poplu, u bħala nazzjon. L-indirizz tagħna huwa, ovvjament, Malta iżda dan ma jeskludix li nibqgħu Maltin ukoll waqt li noqogħdu barra. Xieraq li nfittxu min huma l-ġenituri tagħna, l-antenati tagħna, biex nifhmu aħjar min aħna.

Għandna nkunu nafu, mela, li l-arkeoloġija tagħtina tagħrif fuq uħud minn dawn il-partikularitajiet ta' l-identità tagħna.

Permezz ta' l-arkeoloġija, li tifli kemm iskrizzjonijiet minquxa fuq muniti u fuq il-ġebel kif ukoll testi antiki letterarji, nafu li l-isem ta' Malta fil-forma Griega tiegħu *Melite* huwa dokumentat għall-ewwel darba fl-awtur Grieg Xenophanes fis-seklu sitta q.K., u lejn it-tmiem tas-seklu tlieta fuq il-muniti stampati f'Malta. Wara, l-isem ħa x-xeħta tiegħu Latina, *Melita,* sa ma baqa' biss il-forma Għarbija kif nafuha llum. Jidher, iżda, li l-Feniċi kienu jafu lil gżiritna b'isem ieħor li għeb maż-żmien. Il-konnessjoni ta' l-isem *Melita* ma' l-għasel hija kollha kemm hi etimoloġika li ma hix daqshekk konvinċenti u m'hix ibbażata fuq dokumentazzjoni storiko-arkeoloġika.

L-arkeoloġija tgħarrafna wkoll meta artna twieldet bħala art imgħammra mill-bnedmin, madwar 7000 sena ilu, bnedmin li sawru l-ewwel poplu ta' dawn il-gżejjer, l-ewwel Maltin. Għalkemm huma l-antenati tagħna f'dan is-sens, ma nistgħux insejħulhom

missirijietna fis-sens strett tal-kelma. M'aħniex imnisslin minnhom. Lanqas ma nistgħu nsejħu hekk lill-bennejja tat-tempji li ġew warajhom għaliex, kif ser naraw iktar 'il quddiem, ma kienx hemm kontinwità etnika jew kulturali bejn dawn ta' l-aħħar u l-popli ta' Żmien il-Bronż. Minn Żmien il-Bronż 'l hawn, min-naħa l-oħra, nistgħu ngħidu li m'hemmx xhieda ta' qtugħ fl-etnija, ta' qtugħ fil-kontinwità ta' tnissil fiżiku u kulturali ta' l-abitanti ta' Malta. Għalhekk nistgħu bid-dritt kollhu nqisu l-abitanti ta' dawn il-gżejjer minn Żmien il-Bronż 'l hawn bħala missirijietna, u lilna nfusna bħala mnisslin minnhom, u għalhekk għandna xi ftit minnhom ilkoll.

Bosta drabi nistaqsu lilna nfusna, jew jistaqsuna oħrajn, aħna l-Maltin x'razza aħna: razza Ewropea, Afrikana jew Mediterranea? It-tweġiba tagħtihielna, għallinqas parti minnha, l-arkeoloġija.

Minn Żmien il-Bronż 'l hawn kull poplu indiġenu ta' din il-gżira tħallat bil-mod il-mod mal-poplu barrani li ġie joqgħod fostna. Il-poplu taċ-*Ċimiterju ta' Hal Tarxien* tħallat ma' dak ta' *Borġ in-Nadur*. Wara, dan il-poplu mħallat kompla tħallat ma' dak ġdid tal-*Baħrija* u iktar tard mal-Feniċi. Fi żmien ir-Rumani żdiedu elementi oħrajn minn diversi egħjun ta' l-imperu Ruman, l-iktar minn Sqallija, u x'aktarx mill-Afrika ta' Fuq. Daħlet ukoll dak iż-żmien l-ewwel komunità Lhudija, iżda din x'aktarx baqgħet ma tħalltitx ma' l-indiġeni minħabba raġunijiet reliġjużi. Żmien l-Għarab, imbagħad, għadu pjuttost misterjuż u m'għandniex ħjiel biex insiru nafu jekk kienx hemm, u kemm seta' kien qawwi, it-taħlit ma' l-immigranti Għarab. Mill-Għarab 'l hawn huwa ddokumentat mill-kitba u ma narax possibbiltà kbira li l-arkeoloġija titfa' xi dawl fuq l-iżvilupp etnoloġiku tal-poplu Malti f'dawn iż-żminijiet, ħaġa li jistgħu jagħmlu l-istudji ġenetiċi bħal dawk li qed isiru attwalment minn kollegi fl-Università.

Mela aħna l-Maltin aħna razza mħallta. U għandna nkunu kburin li aħna hekk għax għandna minn ħafna razez, u skond xi teoriji evoluzzjonistiċi t-taħlit jagħti s-saħħa u joħroġ l-aħjar mir-razez li jitħalltu.

Mat-tagħrif fuq ir-razza l-arkeoloġija tagħtina tagħrif fuq il-kultura tagħna. Sikwit tqum l-istess mistoqsija ta' qabel fuq il-kultura: għal liema kultura nappartjenu, dik Ewropea, dik Afrikana, jew dik Mediterranea? It-tweġiba għal din il-mistoqsija

hija ħafna iktar komplessa. Hemm tendenza li nenfasizzaw l-iżjed lill-kulturi li influwenzawna fl-aħħar mijiet ta' snin u li naturalment inħossu l-marka tagħhom iżjed għaliex qribna fiż-żmien. Iżda dan ma għandux inessina li l-proċess ta' assimilazzjoni ta' kultura jinfirex fuq mijiet, jekk mhux eluf ta' snin. Għalhekk m'għandna qatt ninsew il-kulturi bikrin li huma wkoll qegħdin fil-qiegħ nett tas-sisien tal-kultura tagħna l-Maltin illum.

Kif għidna rigward ir-razza hekk ukoll ngħidu fuq il-kultura tagħna. Din hija frott ta' taħlit ta' kulturi li jmur lura għal żmien il-Bronż u ma nistagħġibx li għad nidentifikaw xi karatteristiċi kulturali li jmorru lura għal dak iż-żmien. Kull kultura li ngabet Malta ma' kull immigrazzjoni jew ħakma ġdida rebħet u rikbet lil ta' qabilha iżda ma ħonqithiex għal kollox. Anzi assimilat minnha u għamlitha parti integrali mis-sintesi taż-żewġ kulturi. Nagħti eżempju wieħed. Mal-ħakma tar-Rumani mit-tielet seklu q.K. 'l quddiem, il-kultura preċedenti, Punika, mhux biss ma mititx iżda baqgħet tħalli l-impronta tagħha f'diversi aspetti kulturali: fil-lingwa, fit-twemmin reliġjuż, fil-metodu tad-difna tal-mejtin, kif ukoll fil-kultura materjali, speċjalment fit-tiswir tal-fuħħar. Dan kollu tirrevelahulna l-arkeoloġija.

La qegħdin fuq il-kultura naraw x'kontribut tagħti l-arkeoloġija fuq kwistjoni daqsxejn taħraq għax tmiss mar-reliġjon u għandha wkoll ramifikazzjonijiet politiċi, u li dwarha l-argumentazzjoni ma kinitx dejjem spassjonata, imparzjali, oġġettiva, f'kelma waħda, xjentifika.

Fil-kultura Maltija hemm tradizzjoni f'saħħitha u mxenxla sewwa li lill-Maltin għamilhom insara San Pawl meta l-baħar qawwi xeħtu fuq xtutna fis-sena 60 w.K. u li huma baqgħu insara, fidili lejn it-twemmin tagħhom, bla ebda qtugħ, bla ebda interruzzjoni, sa żminijietna. Hawn m'iniex ser nidħol fil-kwistjoni jekk kienx hemm interruzzjoni tal-Kristjaneżmu fi żmien l-Għarab. Għal din il-kwistjoni l-arkeoloġija s'issa m'għandha xejn x'tikkontribwixxi u l-argumenti jibbażaw ruħhom biss fuq id-dokumentazzjoni miktuba. U dan inħallih f'idejn min jifhem iżjed minni. Ser nillimita ruħi għall-validità ta' din it-tradizzjoni għall-ewwel sekli wara Kristu.

Nibdew bid-dokumentazzjoni miktuba. Kulma għandna fuq il-miġja ta' San Pawl f'Malta huwa l-pass miktub minn San Luqa

fl-Atti ta' l-Apostli. U huwa dokument prezzjuż u importanti ħafna minn diversi aspetti. Iżda fuq il-konversjoni tal-Maltin għall-Kristjaniżmu ma jgħid assolutament xejn. Nammetti li hemm argumenti, speċjalment fuq il-personalità u l-missjoni ta' evanġelizzazzjoni ta' San Pawl li jagħtu x'wieħed jifhem li ma setax jonqos li Pawlu pprova jikkonverti lill-Maltin. Iżda naraw issa jekk id-dokumentazzjoni arkeoloġika tikkonfermax dan jew le. Ta' l-ewwel żewġ sekli, jekk mhux tlieta, wara Kristu kulma għandna f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon huwa numru ta' iskrizzjonijiet li jixhdu biċ-ċar li r-reliġjon *uffiċjali* ta' Malta f'dawk iż-żminijiet kienet dik pagana ta' Ruma. Kien hawn tempju ta' Apollo u kien hawn korpi ta' qassisin li jieħdu ħsieb il-qima ta' l-imperatur u l-imperatriċi bħala allat. Fuq il-qima reliġjuża nisranija m'għandna ebda ħjiel. Din tibda tidher biċ-ċar fl-ewwel katakombi madwar ir-raba' seklu, jekk mhux il-ħames seklu wara Kristu.

Inħalli f'idejn l-intelliġenza tagħkom biex tivverifikaw dak li għidt u li tiġbdu l-konklużjonijiet tagħkom. Infakkarkom biss li l-għan ewlieni ta' l-arkeoloġija, kif inhu dak ta' kull dixxiplina xjentifika oħra, huwa li tasal għall-verità u li tasal għaliha b'mezzi u b'argumenti imparzjali u b'xhieda l-iktar oġġettiva.

Jiena wieħed minn dawk li jemmnu li ma tistax ikollok nazzjon, ma tistax ikollok poplu li jqis ruħu nazzjon jekk dan ma jkunx konxju mill-istorja tiegħu.

Naturalment l-arkeoloġija hija indispensabbli għar-rikostruzzjoni tal-ġrajja, ta' l-istorja ta' Malta u tal-poplu Malti. Għal dawk iż-żminijiet fejn teżisti d-dokumentazzjoni miktuba l-importanza ta' l-arkeoloġija tonqos proporzjonatament għal kemm tiżdied id-dokumentazzjoni miktuba, u viċi-versa. Għalhekk iktar ma mmorru 'l bogħod fiż-żmien iktar ikollna noqogħdu fuq id-dokumentazzjoni arkeoloġika għax dik miktuba tonqos dejjem iżjed sa ma tispiċċa fix-xejn. Fejn ma hemmx dokumentazzjoni miktuba, imbagħad, jiġifieri għall-preistorja, l-unika għajn ta' informazzjoni li jibqgħalna hija appuntu l-arkeoloġija.

Ċertament, dan m'huwiex il-lok fejn nifrex quddiemkom dak kollu li tgħallimna l-arkeoloġija fuq l-istorja tagħna. Ser nillimita ruħi għal uħud mill-aspetti tal-ġrajja ta' artna li t-tagħrif li għandna fuqhom nafuh lill-arkeoloġija.

Nibda bl-istorja ta' l-iżvilupp ekonomiku f'pajjiżna. Nafu li l-ewwel bnedmin li ġew igħammru f'dawn il-gżejjer kienu bdiewa u raħħala u biex komplew din l-attività ekonomika f'din l-art ġdida għalihom kellhom iġibu magħhom minn fejn telqu l-ewwel żrieragħ ta' l-egħlejjel li riedu jkabbru u l-ewwel bhejjem domestiċi li minnhom riedu jrabbu l-merħliet tagħhom. Il-biedja baqgħet nistgħu ngħidu l-unika attività ekonomika prinċipali matul il-preistorja kollha. Billi f'Malta ma setgħux isibu ħaġar iebes biżżejjed biex minnu joħorġu l-għodda li kienu jinħtieġu, dan baqgħu jġibuh minn Sqallija u minn postijiet oħra fil-Mediterran. Għalhekk huma żammew rapporti kummerċjali ma' sħabhom f'artijiet oħra. Li ma nafux huwa x'kienu l-prodotti li kienu jpartu ma' dak li kienu jimportaw. Barra l-biedja dan il-poplu ta' Żmien il-Ħaġar kien jagħti parti mill-ħin tiegħu għal attivitajiet oħra meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum: il-bini ta' l-egħrejjex biex igħammar fihom, il-ħwejjeġ li jilbes, u l-ħami tal-fuħħar biex fih iġorr u jaħżen l-ikel u x-xorb. Aktarx li għall-ewwel dawn l-attivitajiet industrijali kienet tipprattikahom kull familja, fil-ħin li kien jibqa' bejn ħidma u oħra li kellha x'taqsam mal-biedja, jew inkella l-membri l-oħra tal-familja li kienu inqas direttament impenjati fix-xogħol tar-raba', ngħidu aħna n-nisa u t-tfal. Dan it-tqassim tal-ħidma fuq bażi familjari, iżda, beda maż-żmien jinfirex u jitħaddem minn mistjieri speċjalizzati.

Matul iż-żmien, bil-bini tat-tempji megalitiċi l-industrija tal-bini bdiet tokkupa sehem dejjem iktar importanti u tikkonsma sehem ġmielu mir-riżorsi ta' ħin u ta' ħidma tal-komunità. Jista' jkun li bdiet tikkonsma u tisfrutta żżejjed ir-riżorsi naturali u b'hekk ġabet ruħha f'sitwazzjoni fejn l-inqas saram tan-natura, bħal, ngħidu aħna, nixfa sena wara l-oħra, seta' jġib fix-xejn kemm l-ekonomija msejsa fuq il-biedja, kif ukoll l-istess kultura, l-istess poplu. Kif urejt x'imkien ieħor, l-evidenza arkeoloġika tindika li dan il-poplu għeb minn din il-gżira, x'aktarx għax ma setax ikampa iżjed quddiem l-avversitajiet tan-natura li huwa seta' interpreta bħala r-rieda ta' l-allat li kien iqim li jħalli lil dawn il-gżejjer u jmur jgħammar x'imkien ieħor.

Għandna għalxiex naħsbu li n-nies ta' Żmien il-Bronż kienu jgħixu mill-biedja, forsi b'iktar enfasi fuq il-pastorizja, fil-waqt li mal-Feniċi daħlet iżjed attività marbuta mal-baħar u mal-kummerċ. Xi fuħħar beda jiġi esportat lejn diversi nħawi oħra tal-Mediterran,

l-iżjed lejn Sqallija. Hemm probabbiltà kbira li t-tkabbir taż-żebbuġ u l-għasir tiegħu għaż-żejt introduċewh f'Malta l-Feniċi, fil-waqt li din l-industrija bdiet titħaddem fuq skala ikbar fi żmien ir-Rumani. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għat-tkabbir tal-kittien u l-insiġ tiegħu f'għażel, għażel li kien magħruf u mfittex sewwa fl-imperu Ruman. Iżda fuq dan nafu biss mill-kitba għax l-arkeoloġija ma ħallitilniex evidenza tiegħu. L-anqas ma hi f'pożizzjoni s'issa li ddawwalna fuq l-ekonomija Maltija fiż-Żminijiet bikrin tan-Nofs. Iżda dan x'aktarx għaliex ftit li xejn ingħata każ lill-arkeoloġija ta' dawn iż-żminijiet iktar qrib tagħna.

Permezz ta' l-arkeoloġija sirna nafu wkoll fuq l-iżvilupp tat-teknoloġija f'pajjiżna fiż-żminijiet bikrin. Kif għidna, l-ewwel Maltin kellhom jaqsmu l-baħar li jifred lil Malta minn Sqallija u biex ġarru magħhom l-ewwel bhejjem għat-trobbija f'Malta — għaliex dawn ma setgħux kienu jgħixu f'Malta qabel — kellhom jagħmlu dan fuq qoxra tal-baħar li kienet tiflaħ għalih. B'hekk naraw li huma mhux biss bdew jisfidaw il-baħar iżda kienu diġà daħlu sewwa fis-sengħa tat-tbaħħir. Imbagħad ma ngħidu xejn għall-konkwisti kbar fit-teknoloġija tal-bini li għamlu l-Maltin ta' warajhom, il-bennejja tat-tempji. Kull min studja l-binja ta' dawn baqa' msaħħar mill-għerf teknoloġiku li kienu jinħtieġu mhux biss biex jinqatgħu knatan hekk kbar mill-barriera u biex jinġarru għal fuq il-post tal-bini, iżda iżjed u iżjed biex jittellgħu f'posthom u fuq xulxin sa għoli li nistgħu biss nobsruh. Nafu li ma setgħux użaw it-tarjola għax kienu għadhom ma skoprewx ir-rota iżda, min-naħa l-oħra, għandna evidenza li kienu jafu sewwa bil-prinċipju tal-lieva.

Mill-arkeoloġija nafu x'tip ta' għodod kienu jużaw dawn il-Maltin, mhux biss biex jaqtgħu u jonġru l-ġebel iżda wkoll għall-ħtiġijiet ta' kuljum, għodod li sa dak iż-żmien kienu kollha tal-ħaġar jew ta' l-għadam. Fi Żmien il-Bronż, imbagħad, iddaħħal l-użu tal-metalli li kienu jinħadmu wkoll lokalment. Bid-dħul tal-metall bdew jinħadmu armi iktar f'saħħithom u effiċjenti, fattur importanti fi żminijiet imqallba u ta' periklu ta' attakki minn barra.

It-teknoloġija tat-tbaħħir laħqet il-quċċata tagħha mal-Feniċi u dawn ma naqsux li jgħadduha lill-Maltin li tħalltu magħhom u saru ħaġa waħda magħhom, kif igħidilna l-istoriku Grieg ta' l-ewwel seklu q.K., Diodorus Siculus. Nafu, iżda, li sa mill-ewwel gwerra Punika, bejn il-Kartaġiniżi u r-Rumani, dawn ta' l-aħħar ma damux ma tgħallmu minn għandhom is-sengħa tal-bini ta' iġfna iktar

manuvrabbli għat-taqbida; u ma damux lanqas ma ħadulhom l-imperu kummerċjali li l-Kartaġiniżi kellhom fil-Mediterran tal-Punent. Kienu r-Rumani li daħħlu f'Malta t-teknoloġija tagħhom ta' l-għasir taż-żejt taż-żebbuġa li strumenti tagħha, magħmulin mill-ġebel, għadna nsibuhom imferrxin f'Malta u f'Għawdex qalb il-fdalijiet tal-vilel tal-kampanja. Ir-Rumani daħħlu f'Malta wkoll it-teknoloġija idrawlika, l-iktar dik konnessa mal-banjijiet tipiċi Rumani, li fdalijiet tagħha nkixfu maġenb il-'Villa Rumana' tar-Rabat kif ukoll fil-vilel ta' Għajn Tuffieħa u tar-Ramla l-Ħamra. L-istrumenti kirurġiċi minquxin fuq ġebla misjuba f'qabar fir-Rabat ta' Malta juru li l-progress fil-mediċina li għamlu r-Rumani laħaq ukoll ix-xtut tagħna.

Fil-bidu semmejna l-ambjent li jagħmel parti mill-identità tagħna. Fuq l-istorja ta' l-ambjent ta' dawn il-gżejjer l-arkeoloġija għandha wkoll ħafna x'tgħidilna li jista' jservina biex nifthu għajnejna għal li jista' jiġri 'l quddiem. Nafu, per eżempju, li eluf ta' snin qabel ma ġie l-bniedem fi gżiritna din ma kinitx gżira, iżda kienet tagħmel parti minn ilsien ta' art li kien jinfirex minn Sqallija 'l isfel sa ftit iktar minn Malta. Dan seħħ għaliex bis-saħħa ta' nżul tat-temperaturi fuq eluf ta' snin il-livell tal-baħar niżel għaliex l-ilma nġema' f'silġ fuq il-poli tad-dinja u fuq il-ktajjen tal-muntanji għoljin. Nafu li l-livell tal-baħar niżel sa mitt metru u b'hekk kixef l-art bejn Malta u Sqallija.

Dan it-tagħrif, min-naħa l-oħra jiftħilna għajnejna għall-konsegwenzi koroh li jista' jkollu t-tbagħbis tal-bniedem fl-ekwilibriju tan-natura, tal-klima, li bħalissa jistgħu jkunu l-akbar theddida li jista' jkollha gżiritna. Bis-saħħa ta' l-istudji arkeoloġiċi flimkien ma' dawk ta' xjenzi oħra, nafu li jekk it-temperatura tad-dinja titla' bi tliet gradi, kif qed thedded li tagħmel, iseħħ dak li ġara fiż-żminijiet tas-silġ bil-maqlub: ikompli jinħall iżjed silġ minn qabel, jitla l-livell tal-baħar u gżejjer bħal Malta u artijiet bi xtut baxxi jaqgħu l-ewwel vittmi. Dan barra d-diżastru li ġġib is-sħana nnifisha f'artijiet li diġà qed ibatu bin-nifxa.

*Konklużjoni*

Rajna kemm huwa għani l-wirt arkeoloġiku ta' pajjiżna u l-potenzjal tiegħu biex jixħet dawl fuq l-imgħoddi kif ukoll fuq il-preżent u l-ġejjieni tagħna bħala Maltin u bħala bnedmin. Dan

forsi m'huwiex il-post adattat fejn nagħti lista ta' dak li naħseb li għandu jsir biex dan il-wirt nibżgħu għalih u nkattruh. Iżda nħoss fil-kuxjenza li ma nistax nagħlaq din it-taħdita qasira bla ma nħeġġeġ lil min għandu s-setgħa biex jagħmel xi ħaġa bis-serjetà biex tissewwa l-ħsara li kemm l-elementi naturali kif ukoll il-bniedem innifsu qed jagħmlu lil dan il-wirt tagħna. Niftakru li dan il-wirt huwa tagħna daqs kemm huwa ta' wliedna u ta' wlied uliedna, u aħna fid-dmir li nħalluhulhom fi stat ta' preservazzjoni li fih kien meta writnieh aħna, anzi fi stat aħjar.

Hemm bżonn li nieqfu nisfruttaw biss il-wirt arkeoloġiku għal għanijiet ta' qligħ finanzjarju. Kif igħid il-Malti: 'Tieħu bla ma trodd, sas-swar tħott'. Hemm bżonn li ninvestu ħafna iktar, kemm finanzi kif ukoll riżorsi umani, f'dan il-qasam. Bqajna xħaħ wisq mal-patrimonju kulturali tagħna. Trid tinbidel mill-qiegħ il-mentalità materjalista — kont ser ngħid 'teknokratika' iżda forsi f'dan il-kuntest lanqas huwa aġġettiv korrett — li ħakmet lill-mexxejja ta' pajjiżna f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Jekk verament irridu nsiru Ewropej għandna nimitaw dak li hu tajjeb tal-pajjiżi Ewropej u nersqu lejhom f'dik li hi perċentwali tal-'budget' tagħhom li jonfqu kull sena għall-ħarsien u l-iżvilupp tal-wirt kulturali in ġenerali u ta' dak arkeoloġiku in partikulari.

## BIBLJOGRAFIJA


ABELA, G. F., *Della Descrittione di Malta, Isola del Mare Siciliano con le sue Antichità ed altre Notizie*, Malta 1647.

ABELA, G. F. — CIANTAR, G. A., *Malta Illustrata*, Malta 1772-80.

ASHBY, T., "Roman Malta", *Journal of Roman Studies*, 5 (1915) 23-80.

BECKER, E., *Malta Sotterranea. Studien zur altchristlichen und judischen Sepulkralkunst*, Strassburg 1913.

BONANNO, A. "L'habitat maltese in eta' romana", *KOKALOS* 22-23 (1976-77) 385-95.

BONANNO, A. "Distribution of villas and some aspects of the Maltese economy in the Roman period", *Journal of the Faculty of Arts* VI, 4 (1977) 73-81.

BONANNO, A., "The tradition of an ancient Greek colony in Malta", *Hyphen* IV, 1 (1983) 1-17.

BONANNO, A., "A socio-economic approach to Maltese prehistory: the Temple Builders", *Malta: Studies of its Heritage and History*, Malta 1986, 17-45.

BONANNO, A. (ed), *Archaeology and Fertility Cult in the Ancient Mediterranean*, Amsterdam 1986.

BONANNO, A., *Malta, An Archaeological Paradise*, Malta 1986.

BONANNO, A., "Techniche costruttive dei templi megalitici maltesi" fi ANATI, A.F. u ANATI, E. (ed), *Missione a Malta*, Milan 1988.

BONANNO, A., "Evidence of Greek, Carthaginian and Etruscan maritime commerce south of the Thyrrenian: the Maltese case" fi *Flotte e Commercio Greco, Cartaginese ed Etrusco nel Mar Tirreno* (fl-istampa).
BOWEN-JONES, H., "Malta — an essay in historical ecology" fi H. BOWEN-JONES (ed.), *Human Ecology in the Commonwealth*, Londra 1972.
BUHAGIAR, M., *Late Roman and Byzantine Catacombs and Related Burial Places in the Maltese Islands*, Oxford 1986.
BUSUTTIL, J., "Diodorus Melitensis", *Melita Historica* V, 1 (1968) 32-35.
BUSUTTIL, J., *KOKALOS* 14-15 (1968-69) 180-85.
BUSUTTIL, J., "Xenophanes and Malta", *Journal of the Faculty of Arts* IV, 4 (1971) 329-30.
CAGIANO DE AZEVEDO, M., *Testimonianze Archaeologiche della Tradizione Paolina a Malta*, Ruma 1966.
CAMILLERI, V. J., *Saint Agatha*, Malta 1984.
CARUANA, A. A., *Report on the Phoenician and Roman Antiquities in the Group of the Islands of Malta*, Malta 1882.
CASSAR, P., "Surgical instruments on a tomb slab in Roman Malta", *Medical History* 18 (1974) 89-93.
COLEIRO, E., "Malta nelle letterature classiche", *Missione 1963*, Ruma 1964, 25-38.
COLEIRO, E., "Maltese coins of the Roman period", *The Numismatic Chronicle* Se. VII, 11 (1971) 67-91.
DARLINGTON, C. D., *The Evolution of Man and Society*, Oxford 1968.
EVANS, J. D., *The Prehistoric Antiquities of the Maltese Islands, a Survey*, Londra 1971.
EVANS, J. D., *Malta*, Londra 1959.
GOUDER, T. C., *The Mosaic Pavements in the Museum of Roman Antiqities at Rabat, Malta*, Malta 1983.
MAYR, A., "Zur Geschichte der alteren christlichen Kirche von Malta", *Historische Jahrbuch* XVII, 3 (1986) 475-96.
MAYR, A., *Die Insel Malta im Altertum*, Munich 1909.
MISSIONE, *Missione Archeologica Italiana a Malta 1963-70*, Ruma 1964-73.
MOSCATI, S., *Il Mondo dei Fenici*, Milan 1966.
MOSCATI, S. *et al.* (ed.), *I Fenici*, Milan 1988.
NEUBERT, S., *Die Tempel von Malta*, Bergisch Gladbach 1988.
RENFREW, C., *Before Civilisation*, Londra 1973.
RIDLEY, M., *The Megalithic Art of the Maltese Islands*, Poole, Dorset, 1976.
ROSSI, E., "Le lapidi sepolcrali arabo-musulmane di Malta", *Rivista degli Studi Orientali*, 12 (1929) 428-444.
TAMPONE, G., VANNUCCI, S., CASSAR, J., "Nuove ipotesi sull'architettura del tempio megalitico di Ġgantija a Gozo" *Bollettino Ingegneri*, XXXIV, 3 (1987) 3-21.
TRUMP, D. H., *Skorba*, Londra 1966.
TRUMP, D. H., *Malta, an Archaeological Guide*, Londra 1972.
TRUMP, D. H., "The collapse of the Maltese temples" fi SIEVEKING G., (ed.) *Problems in Economic and Social Archaeology*, Londra 1977.
TRUMP, D. H., "I primi architetti del mondo, i costruttori dei templi maltesi" fi FONTANA, M. J., MANNI PIRIANO, T., u RIZZO, F. P., (ed.) *Miscellanea di Studi Classici in onore di Eugenio Manni*, Ruma 1979, 2113-24.
TRUMP, D. H., *The Prehistory of the Mediterranean*, Londra 1980.

TRUMP, D. H., "Megalithic architecture in Malta" fi EVANS, J. D. *et al.*, *Antiquity and Man*, Londra 1981.
WETTINGER, G., "Some Maltese Medieval placenames of archaeological interest" fi *Atti del Colloquio Internazionale di Archeologia Medievale, Palermo-Erice 20-22 Sett. 1974*, Palermo 1976, 329-65.
WETTINGER, G., "The Arabs in Malta" fi *Malta, Studies of its Heritage and History*, Malta 1986, 87-104.
WIKARJAK, I., "De Cicerone Melitae commorante atque commoraturo", fi *Acta omnium Gentium ac Nationum Conventus Latinis Litteris Linguaeque Fovendis*, Malta 1976, 506-11.
ZAMMIT, T., *Prehistoric Malta: the Tarxien Temples*, Oxford 1930.
ZAMMIT, T., "Roman villa and thermae at Għajn Tuffieħa — Malta", *Bulletin of the Museum*, I,2 (Oct. 1930) 50-64.